MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 472/2008

**Go Plc (C 22334)**

**Vs**

**Vicky Schembri (ID 270682 M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' tlett mija u sitta u tlettin ewro u tlieta u sittin centezmi (€336.63) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21577523 (AC40024436) skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba u skond diversi kontijiet mibghuta lilha.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet  legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata.

Ra illi  l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2009 mill-Prokuratur Legali  Noel Scerri.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------